MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 478/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Christian Bonello**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christian Bonello ta’ 27 sena, iben Victor u Rita nee` Vassallo, imwieled Pieta` fit-2 ta’ Frar 1985, residenti 78, Triq Ghajn Dwieli, Paola u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0110985(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fis-6 ta’ Gunju 2012 u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif

provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer f'Jannar 2011 u fis-sena ta' qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D., nhar l-20 ta' Mejju 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tad-19 ta' April 2013, xehed **l-Ispettur Malcolm Bondin**[1], fis-sens illi fis-6 ta' Gunju 2012, membri tal-Iskwadra Kontra d-Droga kienu qeghdin jaghmlu sorveljanza fuq ir-residenza ta' terza persuna li kien suspettat li qed jittraffika d-droga. Fil-hin li kienet qeghda ssir tfittxija gewwa din ir-residenza, l-imputat habbat fuq il-bieb. X'hin dan ra lill-pulizija nhasad. Dak il-hin huwa gie arrestat fuq il-post, ghaliex kien hemm suspett li dan kien mar hemmhekk sabiex jinqeda minghand din il-persuna li fir-rigward taghha kienet qeghda ssir tfittxija. Kienet saret tfittxija fil-vettura tieghu. Meta l-imputat gie mistoqsi ghaliex kien mar hemmhekk, fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa qal illi kien imur ghandu, ghaliex gieli kienu jabbuzaw mid-droga gewwa r-residenza ta' dan it-terza persuna. Skond ix-xhud, l-imputat kien ikkopera bis-shih mal-pulizija, izda meta gie mistoqsi jekk kienx lest li jirrilaxxja stqarrija guramentata fil-konfront ta' dan it-terz, huwa ma xtaqx jinvolvi ruhu u ghalhekk kien gie rilaxxjat dakinhar stess.

L-Ispettur Bondin esebixxa l-istqarrija tal-imputat, sentenza moghtija fl-20 ta' Mejju 2009, fil-konfront tal-imputat, minn din il-Qorti diversament presjeduta, u pakkett tal-*plastic* li kien instab fil-pussess tal-imputat.

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi waqt tfittxija li saret lill-imputat, instab qartas li kien jikkontjeni tracci, liema qartas gie esebit minnu kif fuq inghad.

Il-fatti li waslu ghall-arrest tal-imputat gew ikkonfermati minn **PS 891 Oscar Baldacchino**, li kkonferma wkoll illi fil-vettura tal-imputat instab kantuniera ta' pakkett bi tracci kannella suspettata eroina u xi *foil*.[2]

Mill-istqarrija rilaxxjata minnu fis-6 ta' Gunju 2012[3], jirrizulta illi wara li huwa nghata s-solita twissija u anke rrinunzja ghad-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat[4], **l-imputat** ammetta illi ghalkemm mhux ta' kuljum, xi kultant huwa jahraq l-eroina, li l-ahhar li kien ha eroina kien fil-gimgha ta' qabel, lejn il-*weekend* u li kien ilu jabbuza mill-eroina ghal madwar xahrejn. L-imputat ikkonferma illi l-pakkett li nstab taht is-*seat* tal-vettura tieghu, kien fih l-eroina li kien semma qabel. Huwa qal ukoll illi huwa kien mar ihabbat fuq il-bieb ta' certu Angelus Vella dakinhar, sabiex jara jekk kienx ser ikun hemm fil-ghaxija

---

[1] A fol. 10 sa 13 tal-process.
[2] Seduta tat-3 ta' Lulju 203, a fol. 21 sa 22 tal-process.
[3] Esebita a fol. 17 u 18 tal-process.
[4] A fol. 19 tal-process.

u dan biex jabbuza l-eroina ghandu. Huwa kien sar jaf lil din il-persuna madwar sitt xhur qabel u kien sar jafu peress illi kien mar ghandu flimkien ma' habib tieghu, fejn abbuzaw mill-eroina.

Mistoqsi jekk kienx qatt ha xi tip ta' droga ohra, l-imputat wiegeb illi madwar sena u nofs qabel huwa kien ha l-kokaina. L-ahhar li huwa kien abbuza mill-kokaina kien sena u nofs qabel u kien ghamel madwar sentejn jabbuza minnha, l-izjed fil-*weekends.*

Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014, xehdet il-*Probation Officer* **Joanna Farrugia**[5], li qalet illi fil-prezent qed issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet snin, liema Ordni bdiet fit-2 ta' Mejju 2013. Hija segwietu wkoll fuq tlett ordnijiet ohra ta' *Probation*, li kiser tnejn minnhom u inghata piena karcerarja. Minn dakinhar inghata Ordni ta' *Probation* ohra u cioe` dik li bdiet fid-data msemmija. Huwa nghata piena ta' prigunerija effettiva f'Marzu 2013. Ix-xhud qalet illi kienet ilha ssegwi lill-imputat minn Jannar 2009 u baqghet issegwih minn dakinhar, b'eccezzjoni ta' perjodu qasir. Bhalissa qed issegwih fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u l-andament tieghu hemmhekk kien wiehed tajjeb. Gewwa l-habs, huwa gie fdat illi jahdem fl-*Officers' Mess*, liema rwol ma jinghatax lil kulhadd. Sussegwentement, waqaf minn dan ix-xoghol u beda jahdem fuq il-pupi tal-*Playmobil* sabiex ifaddal il-flus, bit-tir li jidhol gewwa programm u fil-fatt dahal fil-programm ta' Sant'Anna fi hdan l-Agenzija Caritas, fis-17 ta' Settembru 2013. Ix-xhud qalet illi kien fadallu madwar erba' xhur ohra biex ilesti l-programm. Jidher illi fil-programm sejjer tajjeb hafna u integra ruhu, ghalkemm ghall-ewwel dam ftit sakemm dara. Il-*urine samples* li ttehdulu gewwa l-habs kienu tajbin.

Fl-istess seduta xehdet ukoll **Jean Cali**[6], li qalet illi l-imputat ilu fil-programm fi hdan l-Agenzija Caritas u cioe` il-*Prison Inmate Programme* ghall-perjodu ta' erba' xhur u li fadallu erba' xhur ohra fl-istess programm. Ix-xhud qalet illi skond il-*key worker* tieghu u skond il-verifiki taghha, huwa sejjer tajjeb.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, m'hemmx dubju illi l-imputat ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa ammetta illi l-pakkett tal-*plastic* li kien instab fil-vettura tieghu, dakinhar li gie arrestat mill-Pulizija, kien

---

[5] A fol. 25 sa 27 tal-process.
[6] A fol. 28 sa 29 tal-process.

precedentement jikkontjeni d-droga eroina li huwa kien abbuza minnha fil-gimgha ta' qabel. Fil-fatt dwar dan PS 891 Oscar Baldacchino xehed illi l-istess pakkett kien jikkontjeni tracci ta' sustanza kannella suspettata eroina. L-imputat ammetta wkoll illi huwa kien ilu jabbuza mill-eroina ghal perjodu ta' madwar xahrejn. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li tirreferi ghal Jannar tas-sena 2011 u ghas-sena ta' qabel din id-data, l-imputat ammetta fl-istqarrija rilaxxjata minnu illi l-ahhar darba li huwa kien abbuza mid-droga kokaina kien madwar sena u nofs qabel (u cioe` ghalhekk f'Jannar tas-sena 2011) u illi kien ilu jabbuza ghall-perjodu ta' madwar sentejn. Il-perjodu ta' zmien li ghalih tirreferi din it-tieni imputazzjoni ghalhekk jinkwadra fil-perjodu ta' zmien li fih l-imputat jghid li kien jabbuza mid-droga kokaina. Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata skond il-ligi.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, giet esebita sentenza mill-Prosekuzzjoni[7], datata 20 ta' Mejju 2009, permezz ta' liema sentenza l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett snin. Il-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza kien jibda ghalhekk fl-20 ta' Mejju 2009 u jiskadi fl-20 ta' Mejju 2012. Stante illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal Gunju 2012 u ghax-xahrejn ta' qabel u stante wkoll illi t-tieni imputazzjoni tirreferi ghal Jannar 2011 u ghas-sena ta' qabel din id-data, jirrizulta car illi r-reati kkontemplati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni gew imwettqa matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, l-unika sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni kienet proprju s-sentenza ta' prigunerija sospiza imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan. Ai termini tal-Artikolu 28F tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Meta l-Qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat l-iehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet tal-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura*". Ghaldaqstant huwa car illi l-imputat jista' jitqies biss illi huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

[7] A fol. 14 sa 16 tal-process.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, illi minkejja li l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Min-naha l-ohra, qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien li kkommetta r-reati in kwistjoni, minn fejn jirrizulta illi l-imputat kien instab hati ta' serq aggravat (apparti reati ohrajn konnessi mal-istess serq) f'erba' okkazzjonijiet diversi, dwar liema reati huwa gie kkundannat f'okkazzjoni wahda ghal sentenza ta' prigunerija sospiza (liema sentenza hija mertu tat-tielet imputazzjoni), f'zewg okkazzjonijiet tqieghed taht Ordni ta' *Probation* u f'okkazzjoni ohra inghata liberazzjoni kundizzjonata. In oltre skond l-Ufficjal tal-*Probation* li qeghda prezentament issegwi lill-imputat, huwa inghata Ordni ta' *Probation* ohra ghal zmien tlett snin fit-2 ta' Mejju 2013. Irrizulta wkoll illi l-imputat f'Marzu 2013, inghata piena karcerarja effettiva.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* u tar-rapprezentanta tal-Agenzija Caritas, mil-liema xhieda jirrizulta illi waqt li kien qed jiskonta piena ta' prigunerija, l-imputat beda programm sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u illi l-imputat ghamel progress u kien sejjer tajjeb fi hdan l-istess programm. Qieset ukoll illi qabel ma dahal fl-imsemmi programm u waqt li kien qieghed gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, il-*urine samples* li kienu ttehdulu taw rizultat negattiv.

Stante illi jidher li l-imputat qed jaghmel sforz sabiex jibda miexi fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga, il-Qorti ma jidhrilhiex illi jkun idoneu illi tordna li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva.

Ghal fini ta' piena u fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(f) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament

wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq indikati, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima fl-20 ta' Mejju 2009, permezz ta' liema sentenza huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' tlett snin jerga' jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument MB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------